**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edmond Cuschieri]**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru: 526/12**

**Illum, 29 ta' Jannar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 285749M:

Akkuzat talli nhar l-1 ta' Frar 2012 ghall-habta tat-8pm gewwa 53, Triq il-Parocca, Mosta u f'dawn il-gzejjer bhala sid, detentur, negozjant jew l-importatur, id-destinarju, trasportatur, bejjiegh bl-imnut naqas li josserva xi obligazzjoni imposta fuqu skond l-Kapitolu 437 tal-ligijiet ta' Malta li ghandhom x'jaqsmu ma mard li jittiehed jew li jimplimenta r-regoli relattivi u dan meta naqas li jiddentifika u jirregistra annimali, u naqas li jiddikjara caqlieq ta' animali li kienu taht ir-responsabilita tieghu, u talli naqas li jzomm registru individwali ghal kul qasam li jkun that ir-responsabilita tieghu, u talli wkoll naqas li josserva l-kundizzjonijiet tas-sahha f'konessjoni ma caqlieq ta' animali hajjin u prodotti germinali u naqas wkoll li jipproduci fuq talba ta' kull ufficjal tas-servizzi veterinarji, ic-certifikat jew documenti mehtiega u dan ai termini tal artikolu 35 (c) (iii), (iv), (v) u (vi) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli wkoll fl-istess dtat, lok, hin u cirkostanzi qatel animali ghal konsum uman., liema animali gew maqtula bi tbaghtija u dan bi ksur tat-taqsima VI tal-Kapitolu 439 tal-ligijiet ta' Malta.

Billi hu akkuzat talli nhar l-15 ta' Mejju 2012 ghal habta tat-8pm gewwa 53, Triq il-Parocca, Mosta u f'dawn il-gzejjer bhala sid, detentur, negozjant jew l-importatur, id-destinarju, trasportatur, bejjiegh bl-imnut naqas li josserva xi obligazzjoni imposta fuqu skond l-Kapitolu 437 tal-ligijiet ta' Malta li ghandhom x'jaqsmu ma mard li jittiehed jew li jimplimenta r-regoli relattivi u dan meta naqas li jiddentifika u jirregistra annimali, u naqas li jiddikjara caqlieq ta' animali li kienu taht ir-responsabilita tieghu, u talli wkoll naqas li jzomm registru individwali ghal kull qasam li jkun that ir-responsabilita tieghu, u talli wkoll naqas li josserva l-kundizzjonijiet tas-sahha f'konessjoni ma caqlieq ta' animali hajjin u prodotti germinali u naqas wkoll li jipproduci fuq talba ta' kull ufficjal tas-servizzi veterinarji, ic-certifikat jew documenti mehtiega u dan ai termini tal-artikolu 35(c) (iii), (iv), (v) u (vi) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli wkoll fl-istess dtat, lok, hin u cirkostanzi qatel animali ghal konsum uman., liema animali gew maqtula bi tbaghtija u dan bi ksur tat-taqsima VI tal-Kapitolu 439 tal-ligijiet ta' Malta.

Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm jew iggesta biccerija minghajr permess tal-awtoritajiet koncernati.

Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja li tecedei l-€117 (€250) u dan sar ghad-dannu ta Pc1582 Mario Spiteri u dan peress li kissirlu l-arlogg li kien liebes f'idejh.

Talli wkoll fl-istess, data lok hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenzar bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Ps820, Pc1582, u Ps1574 persuni inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi u dan ai termini tal-artikolu 96 tal-ligijiet ta' Malta.

Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS820, Pc1582 u Ps1574 persuni inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan isservizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqom kontra lligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan ai terminu tal-artikolu 95 tal-ligijiet ta' Malta

F'kaz ta htija il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal imputat bhala recidiv u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih izda li wara ammetta l-akkuzi kollha fil-verbal tal-ghoxrin (20) ta' Novembru elfejn u sbatax (2017);

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi r-rapport tal-Probation Officer Deborah Farrugia li hejjiet *Social Enquiry Report* fuq talba tad-difiza;

Illi l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom il-Probation Officer huma:

"**Konkluzjonijiet**

- **Fatturi identifikati**

- Joseph Camilleri qiegħed jigi akkuzat li nhar l-1 ta' Frar, 2012 u fil-15 ta' Mejju, 2012 gewwa l-Mosta; naqas li jirregistra annimali u josserva kundizzjonijiet tas-sahha b'konnessjoni ma' caqlieq ta' annimali hajjin, naqas li jipproduci dokumenti mehtiega u li qatel annimali ghall-konsum uman bi tbatija. Huwa qieghed jigi akkuzat ukoll li fil-15 ta' Mejju 2012; gesta biccerija minghajr il-permess tal-awtoritajiet; ikkommetta hsara ta' €250 ghad-dannu ta' PC1582 Mario Spiteri meta kissirlu l-arlogg li kien liebes f'idejh; talli attakka, rrezista jew hebb, ingurja jew hedded lil PS820, PC1582 u PC1574. Joseph Camilleri qieghed jigi akkuzat ukoll li f'kaz ta' htija huwa jigi trattat bhala recidiv.

- Minn informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport jidher li Joseph Camilleri qatt ma kellu problema ta' vizzji u lanqas kellu kuntatt ma' agenziji li jahdmu kontra l-vizzji. Huwa qieghed jigi segwit mill-psikjatra Dr Anton Grech li ma ghaddiex informazzjoni lill-Ufficjal tal-Probation rigward Joseph ghall-fini ta' dan ir-rapport. Kemm il-prosekuturi fil-kaz kif ukoll il-vittmi, li huma wkoll pulizija, ihossu li Joseph Camilleri ghandu jinghata ghajnuna sabiex jaghraf il-hazin li qed jaghmel u jekk hemm bzonn, jinghata l-kura.

- Skont informazzjoni migbura minghand Joseph, jirrizulta li l-imputat qatta' t-tfulija tieghu flimkien mal-missier, specjalment minhabba li tilef lil ommu ta' eta' zghira. Huwa waqaf skola kmieni u minn dejjem kien imur jahdem mal-missier fin-negozju tal-bejgh tal-annimali. Ma jirrizultax li ghandu relazzjoni tajba mal-familjari tieghu ghalkemm jghix ma' tnejn minn hutu. Jirrizulta li Joseph qatt ma kien f'relazzjoni u li minn dejjem kien jinqata' ghalih wahdu. Ghalkemm jaf hafna nies, huwa ma jafda lil hadd.

- Jidher li Joseph Camilleri huwa persuna biezla fejn jidhol ix-xoghol mal-annimali, izda huwa traskurat f'dak li ghandu x'jaqsam mal-kura tieghu nnifsu, kemm fejn tidhol indafa u anka kura ta' sahhtu. Ta' min jinnota li kien difficli hafna ghall-Ufficjal tal-Probation sabiex tigbor informazzjoni minghand l-imputat ghall-fini ta' dan ir-rapport minhabba li huwa ma riedx jikkopera ghad ma setax jifhem ir-raguni ghala dan ir-rapport kellu jsir u ghala qieghed jigi mistoqsi certu affarijiet.

- **Pjan ta' kura**

Skont l-informazzjoni migbura jidher li jkun ghaqli li Joseph Camilleri jibqa' jigi segwit minn psikjatra sabiex ikun jista' jigi identifikat il-bzonn jew le li huwa jinghata kura adekwata sabiex jiffunzjona bl-ahjar mod possibli fis-socjeta'. Jinhass il-bzonn li Joseph jaghraf li l-mod kif qed jesegwixxi l-qtil tal-annimali gahll-konsum uman u t-trobbija taghhom minghajr permess mhux accettabbli u ghandu jimxi mal-Ligi imposta f'dan ir-rigward."

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet tal-Probation Officer u ghall-pjan ta' kura ghall-imputat li ghalkemm huwa ghandu l-addebitu tar-recidiva, dan ghandu bzonn ghajnuna psikjatrika sabiex jibda jirrejalizza kif jghix hajtu u jikkonduci n-negozju tieghu fil-limiti tal-legalita';

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti mhix ser timponi piena karcerarja izda piena li tkun wahda riformattiva;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imputat **Joseph Camilleri** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih stante ammissjoni u a bazi tal-Artikolu 7A tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet

ta’ Malta tpoggih taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tliet (3) snin flimkien ma’ Ordni ta’ Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-istess terminu li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qed tordna wkoll a bazi tal-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta illi l-imputat ihallas is-somma ta’ mitejn u hamsin ewro (€250) bhala danni sofferti minn PC 1582 Mario Spiteri u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**